Il-ktejba ta' dal-ġebel toħroġ tidwi
Bħalma jinfirex leħen il-qanpiena
Mill-għoli fuq id-djar u fuq l-imsieraħ;
Bħal bikja rqiqa ta' tarbija ġdida;
Bħal firxa t'għajn li f'nofs ħawt ilma titla'
U twaqqa' ħjutha f'boċċi żgħar bajdana.
Bħal min, imxabbat fuq għadira rieqda,
Jilmaħ lil dellu mtenni, hekk fit-Tempju,
Li int ħallejt warajk sabiex jitpaxxa
Bih kull warrani, tidher xbieha safja :
Ix-xbieha tal-Ħolqien fejn għarrex ħsiebek.
U inti tibqa' bħalma kont poeta,
Għax min poeta kien ma jmutx, u l-bniedem
Jibqa' jilqgħu ġo daru u jtih il-merħba
Bħalma kien jagħmel meta kien igħix miegħu.

Il-poeta rażul : xi drabi lsienu
Joħla fi kliemu, drabi xrar li jbeżża';
It-tagħlim tiegħu dejjem ġdid għax jerda'
Mill-qalba tal-Ħolqien, igħarrex u jikxef
Tagħlim li ma sabux dawk ta' madwaru.
Imbierek il-poeta : u fejn il-leħħa
Tas-seħer tiegħu ma tolqotx, ma ddawwal,
Miskina l-ġemgħa : mill-benniena għall-qabar
Minn taħt għajnejha taħrab is-Sbuħija
Li ħalaq Alla bħala oħt għall-bniedem.
Għax ħajjet il-poeta mhix ħlief telfa
F'taħdita mal-Ħolqien, u t-tnejn jiftiehmu :
Araħ jitbissem għas-sejħat imlewna
Ta' ħaddejn ħelwa ta' wardiet imwarrba;
Jew t'awrikarja supperva f'għadira
D-dehra maqluba għajnejh tberraħlu ħiemed.
Issjjaħ in-Natura lill-Poeta
U tgħallmu jixhed dak li hi fi lsienu.

Ma ħlejtx żmienek fix-xejn : fakkart lill-bniedem
Li għandu jeħles mit-tjassir ta' qalbu.
Dwiet l-Għanja tiegħek u għad tibqa' tidwi
Issejjaħ għall-Ħelsien u l-ħruġ mid-Dalma
Fejn it-Tjassir hu wild ix-Xettru kiefer



Tad-dnub li kaxkar ġewwa artu Babel
Biex jaqdi 'l-Kobor u 'l-Frugħat ħakkiema.
Taqbeż il-ħeġġa minn ġo kliemek taħraq
Li sejħet lejn Ġerusalemm feddejja,
Fejn aktar hienja u ħelwa tfur il-ħajja.
Quddiem għajnejk iċċarrtet il-purtiera
Li mill-Qaddis tal-Qaddisin firditek,
U għabt id-dehra l'għal snin sħaħ ħakmitek :
Inti temmejtha għax ħdimtha kollok sabar.
Quddiem għajnejja nilmħek f'Belt-il-Oqbra,
Tistenna f'qabrek l-aħħar Haqq. Tirtogħod
U ttir 'il fuq Talba mimlija Emmna
Ħa' ssieħeb lill-qanpiena l'għassa tiegħek.
Tingħi u titlob il-mistrieħ lill-Ħniena :
Sabiħ is-swied il-qalb għad-dell tal-Fidi.
U għalkemm 'il bogħod minn fejn hu ġismek rieqed,
Meqjum mit-trab li jbusek u li jħaddnek,
Ixerred ħsiebi fuq il-għatu tiegħek
Il-ward tal-ħajr ħa jfewwħu din l-għamara
Fejn rieqed f'ħoġor l-Art u fi ħdan Alla.

*Haute — Loire*
*Franza.*

---

## ISMIJIET TA' PJANTI, ANNIMALI, EĊĊ., LI JIBDEW BIL-KELMA bu (abu)

Buċaqq, budebbus, bufula, bugiddiem, bugħajjat, bugħadam, bugħarwien, buħarrat, bukawwar *jew* bugħawwar, bulebbiet, bumellies, bumunqar, bumnejħer, bunettien, bunexxief, buqexrem, buqrajq, busieq, buxwejka, bużellieq, bużaqq, buwaħħâl, buxiħ, busuf, buswejda, budakkra.